

L-użu tal-antimikrobiċi fil-:

# Faċilitajiet tal-kura fuq terminu twil



**1 / 20** resident irċieva tal-anqas antimikrobiku wieħed f'jum partikolari.



**7 / 10**

antimikrobiċi ġew preskritti għall-kura ta' infezzjoni u 3 minn 10 għall-profilassi.



**3 / 4** tal-korsijiet tal-profilassi

ngħataw biex jiġu evitati infezzjonijiet fil-kanal tal-awrina. Filwaqt li din il-prattika tista' tnaqqas ir-riskju ta' infezzjoni fin-nisa, m'hemm l-ebda evidenza dwar l-effettività tagħha meta tiġi applikata fuq firxa wiesgħa ta' pazjenti anzjani.

Barra minn hekk, din il-prattika hija assoċjata ma' żieda fir-reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-maġġoranza tal-korsijiet tal-profilassi għaldaqstant jistgħu jirrappreżentaw użu mhux meħtieġ ta' antimikrobiċi.

## Soluzzjonijiet

L-użu prudenti tal-antimikrobiċi f'ambjenti tal-kura tas-saħħa huwa kruċjali fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi. L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jittieħdu fl-isptarijiet u fil-faċilitajiet tal-kura fuq terminu twil:



L-evitar ta' profilassi antimikrobika estiża u mhux neċessarja.



L-użu fejn possibbli ta' antibijotiċi b'azzjoni inqas mifruxa.



It-twettiq fejn possibbli ta' bidla minn parenterali għal orali fi żmien adegwat.



L-indikazzjoni tal-kura antimikrobika, l-għażla tal-mediċina, id-doża, ir-rotta ta' amministrazzjoni u t-tul tal-kura għandhom dejjem jiġu ddokumentati fiċ-ċart tal-pazjenti.



L-implimentazzjoni ta' programmi għall-amministrazzjoni tal-antimikrobiċi.


ecdc EUROPEAN CENTRE FOR DISEASE PREVENTION AND CONTROL

EUROPEAN ANTIBIOTIC AWARENESS DAY
A EUROPEAN HEALTH INITIATIVE

ecdc.europa.eu
antibiotic.ecdc.europa.eu

#KeepAntibioticsWorking
#EAAD